	e. Kompożiti taċ-ċeramika rinfurzati bil-karbur tas-siliċju, li jistgħu jintużaw għall-ponot ta' quddiem, għall-vetturi għad-dħul fl-atmosfera u l-flaps taż-żennuni li jistgħu jintużaw fil-"missili", fil-vetturi tal-varar fl-ispazju speċifikati f'9A004 jew fir-rokits sonda speċifikati f'9A104.	M6C6b	Komposti taċ-ċeramika rinfurzati bil-karbur tas-silikon li jistgħu jintużaw għall-ponot ta' quddiem, il-vetturi ta' dħul mill-ġdid u l-flaps taż-żennuni, li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1.
1C111	Propellanti u sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti, minbarra dawk speċifikati f'1C011, kif ġej: a. Sustanzi propulsivi:		
	1. Trab sferiku jew sferojdali tal-aluminju, minbarra dak speċifikat fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, bid-daqs tal-partiċelli inqas minn 200 μm u kontenut ta' aluminju ta' 97 % skont il-piż jew aktar, jekk mill-inqas 10 % tal-piż totali jkun magħmul minn partiċelli iżgħar minn 63 μm, skont l-ISO 2591:1988 jew l-ekwivalenti nazzjonali; *Nota Teknika:* *Id-daqs ta' partiċella ta' 63 μm (ISO R-565) jikkorrispondi għal 250 mesh (Tyler) jew 230 mesh (l-istandard ASTM E-11).*	M4C2c	Trab sferiku jew sferojdali tal-aluminju (CAS 7429-90-5) bid-daqs tal-partiċelli inqas minn 200×10^{-6} m (200 μm) u kontenut ta' aluminju ta' 97 % bil-piż jew aktar, jekk mill-inqas 10 % tal-piż totali huwa magħmul minn partiċelli ta' inqas minn 63 μm, skont l-ISO 2591-1:1988 jew ekwivalenti nazzjonali; *Nota Teknika:* *Daqs ta' partiċella ta' 63 μm (ISO R-565) jikkorrispondi għal 250 mesh (Tyler) jew 230 mesh (ASTM standard E-11).*
	2. Trab tal-metall, minbarra dawk speċifikati fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, kif ġej:		
	a. Trab tal-metall taż-żirkonju, tal-berillju jew tal-manjeżju, jew tal-ligi ta' dawn il-metalli jekk mill-inqas 90 % tal-partiċelli totali skont il-volum jew it-toqol tal-partiċelli jkun magħmul minn partiċelli ta' inqas minn 60 μm (iddeterminat skont it-tekniki ta' kejl bħal bl-użu ta' għarbiel, diffrazzjoni bil-laser jew skannjar ottiku), kemm jekk sferiċi, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna, li jikkonsistu minn 97 % jew aktar skont il-piż ta' xi wieħed minn dan li ġej: 1. Żirkonju; 2. Berillju; jew 3. Manjeżju;	M4C2d	Trabijiet tal-metall magħmula minn xi wieħed minn dawn li ġejjin: żirkonju (CAS 7440-67-7), berillju (CAS 7440-41-7), manjeżju (CAS 7439-95-4) jew liegi ta' dawn, jekk mill-inqas 90 % tal-partiċelli totali skont il-volum jew it-toqol tal-partiċelli jkun magħmul minn partiċelli ta' inqas minn 60 μm (determinat skont it-tekniki ta' kejl bħal bl-użu ta' għarbiel, diffrazzjoni bil-laser jew skennjar ottiku), kemm jekk sferikali, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna, li jikkonsistu minn 97 % jew aktar bil-piż ta' xi wieħed mill-metalli msemmija hawn fuq; *Nota: F'distribuzzjoni multimodali tal-partiċelli (jiġifieri taħlit ta' daqsijiet differenti ta' partikuli) fejn hija kkontrollata modalità waħda jew aktar, it-taħlita kollha ta' trab hija kkontrollata.*

Nota Teknika: *Il-kontenut naturali tal-afnju fiż-żirkonju (tipikament minn 2 % sa 7 %) jingħadd maż-żirkonju.*		*Nota Teknika:* *Il-kontenut naturali tal-afnju (CAS 7440-58-6) fiż-żirkonju (tipikament 2 % sa 7 %) jingħadd maż-żirkonju.*
b. It-trab tal-metall tal-boron jew tal-ligi tal-boron b'kontenut tal-boron ta' 85 % aktar skont il-piż, jekk mill-inqas 90 % tal-partiċelli totali skont il-volum jew it-toqol tal-partiċelli jkun magħmul minn inqas minn 60 μm (iddeterminat skont it-tekniki ta' kejl bħal bl-użu ta' għarbiel, diffrazzjoni bil-laser jew skannjar ottiku), kemm jekk sferiċi, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna; *Nota: 1C111.a.2.a. u 1C111a.2.b. jikkontrollaw taħlitiet ta' trab b'distribuzzjoni ta' partiċelli multimodali (pereżempju taħlitiet ta' daqsijiet differenti tal-partikuli) jekk jiġi kkontrollat mod wieħed jew iktar.*	M4C2e	Trab tal-metall tal-boron (CAS 7440-42-8) jew liegi tal-boron b'kontenut tal-boron ta' 85 % jew aktar skont il-piż, jekk mill-inqas 90 % tal-partiċelli totali skont il-volum jew it-toqol tal-partiċelli jkun magħmul minn partiċelli ta' inqas minn 60 μm (determinat skont it-tekniki ta' kejl bħal bl-użu ta' għarbiel, diffrazzjoni bil-laser jew skennjar ottiku), kemm jekk sferikali, atomizzati, sferojdali, f'laqx jew mitħuna; *Nota: F'distribuzzjoni multimodali tal-partiċelli (jiġifieri taħlit ta' daqsijiet differenti ta' partikuli) fejn hija kkontrollata modalità waħda jew aktar, it-taħlita kollha ta' trab hija kkontrollata.*
3. Sustanzi ossidanti li jistgħu jintużaw f'magni ta' rokits bi propellant likwidu kif ġej: a. Triossidu tad-dinitroġenu (CAS 10544-73-7); b. Diossidu tan-nitroġenu (CAS 10102-44-0) /tetrossidu tad-dinitroġenu (CAS 10544-72-6); c. Pentossidu tad-dinitroġenu (CAS 10102-03-1); d. Ossidi Mħallta tan-Nitroġenu (MON); *Nota Teknika:* *Ossidi Mħallta tan-Nitroġenu (MON) huma soluzzjonijiet ta' Ossidu Nitriku (NO) fit-Tetrossidu tad-Dinitroġenu/Diossidu tan-Nitroġenu (N_2O_4/NO_2) li jistgħu jintużaw f'sistemi ta' missili. Hemm firxa ta' kompożizzjonijiet li jistgħu jiġu indikati bħala MONi jew MONij, fejn i u j huma numri sħaħ li jirrappreżentaw il-persentaġġ ta' Ossidu Nitriku fit-taħlita (pereż., MON3 fih 3 % ta' Ossidu Nitriku, MON25 fih 25 % ta' Ossidu Nitriku. Limitu ogħla huwa MON40, piż ta' 40 %).*	M4C4a	Sustanzi ossidanti li jistgħu jintużaw f'magni ta' rokits bi propellant likwidu kif ġej: 1. Triossidu tad-dinitroġenu (CAS 10544-73-7); 2. Diossidu tan-nitroġenu (CAS 10102-44-0) /tetrossidu tad-dinitroġenu (CAS 10544-72-6); 3. Pentossidu tad-dinitroġenu (CAS 10102-03-1); 4. Ossidi Mħallta tan-Nitroġenu (MON); Nota Teknika: Ossidi Mħallta tan-Nitroġenu (MON) huma soluzzjonijiet ta' Ossidu Nitriku (NO) fit-Tetrossidu tad-Dinitroġenu/Diossidu tan-Nitroġenu (N_2O_4/NO_2) li jistgħu jintużaw f'sistemi ta' missili. Hemm firxa ta' kompożizzjonijiet li jistgħu jiġu indikati bħala MONi jew MONij, fejn i u j huma numri sħaħ li jirrappreżentaw il-persentaġġ ta' Ossidu Nitriku fit-taħlita (pereż., MON3 fih 3 % ta' Ossidu Nitriku, MON25 fih 25 % ta' Ossidu Nitriku. Limitu ogħla huwa MON40, piż ta' 40 %).

e. ARA L-KONTROLLI TAL-MERKANZIJA MILITARI FIR-RIGWARD TA' Aċidu Nitriku Daħna Ħamra (aħmar nar) ta' Inibizzjoni(IRFNA); f. ARA KONTROLLI TAL-MERKANZIJA MILITARI U 1C238 GĦAL Komposti magħmula minn fluworu u wieħed jew aktar minn aloġeni oħrajn, ossiġnu jew nitroġenu;		5. Aċidu Nitriku Fumanti Aħmar Inibit (IRFNA) (CAS 8007-58-7); 6. Komposti magħmula minn fluworu u wieħed jew aktar minn aloġeni oħra, ossiġenu jew nitroġenu; Nota: *Punt 4.C.4.a.6. ma jikkontrollax it-Trifluworur tan-Nitroġenu (NF_3) (CAS 7783-542) fi stat gassuż peress li ma jistax jintuża għal applikazzjonijiet ta' missili.*
4. Derivattivi tal-idrażina, kif ġej: *N.B.: ARA WKOLL IL-KONTROLLI TAL-MERKANZIJA MILITARI.* a. Trimetilidrażina (CAS 1741-01-1); b. Tetrametilidrażina(CAS 6415-12-9); c. N,N diallilidrażina (CAS 5164-11-4); d. Allilidrażina (CAS 7422-78-8); e. Etilen-diidrażina; f. Dinitrat tal-monometilidrażina; g. Nitrat tad-dimetilidrażina asimmetriku; h. Ażid tal-idrażinju (CAS 14546-44-2); i. Ażid tad-dimetilidrażinju; j. Dinitrat tal-idrażinju (CAS 13464-98-7); k. Diidrażina tal-aċidu diimmido-ossaliku (CAS 3457-37-2); l. Nitrat ta' 2-idrossietilidrażina (HEHN); m. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-Perklorat tal-Idrażinju; n. Diperklorat tal-idrażinju (CAS 13812-39-0); o. Nitrat tal-metilidrażina (MHN) (CAS 29674-96-2);	M4C2b	Derivattivi tal-idrażina, kif ġej: 1. Monometilidrażina (MMH) (CAS 60-34-4); 2. Dimetilidrażina asimmetrika (UDMH) (CAS 57-14-7); 3. Idrażina mononitrat (CAS 13464-97-6); 4. Trimetilidrażina (CAS 1741-01-1); 5. Tetrametilidrażina(CAS 6415-12-9); 6. N,N diallilidrażina (CAS 5164-11-4); 7. Allilidrażina (CAS 7422-78-8); 8. Etilen diidrażina; (CAS 6068-98-0); 9. Dinitrat tal-monometilidrażina; 10. Nitrat tad-dimetilidrażina asimmetriku; 11. Ażid tal-idrażinju (CAS 14546-44-2); 12. Ażid ta' 1,1-dimetilidrażinju; (CAS 227955–52–4) /Ażid ta' 1,2-dimetilidrażinju; (CAS 299177–50–7); 13. Dinitrat tal-idrażinju (CAS 13464-98-7); 14. Diidrażina tal-aċidu diimmido-ossaliku (CAS 3457-37-2); 15. Nitrat ta' 2-idrossietilidrażina (HEHN); 16. Perklorat tal-idrażinju (CAS 27978-54-7);

p. Nitrat tad-dietilidrażina (DEHN); q. Nitrat ta' 3,6-diidrażino tetrażina (Nitrat ta' 1,4-diidrażina) (DHTN);		17. Diperklorat tal-idrażinju (CAS 13812-39-0); 18. Nitrat tal-metilidrażina (MHN) (CAS 29674-96-2); 19. Nitrat ta' 1,1-dietilidrażina (DEHN) /Nitrat ta' 1,2-dietilidrażina (DEHN) (CAS 363453-17-2); 20. Nitrat ta' 3,6-diidrażino tetrażina (DHTN); Nota teknika: *Nitrat ta' 3,6-diidrażino tetrażina huwa magħruf ukoll bħala nitrat ta' 1,4-diidrażina*
5. Materjali b'densità ta' enerġija għolja, minbarra dawk speċifikati fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari, utilizzabbli f'"missili" jew inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ speċifikati f'9A012 jew 9A112.a.; a. Fjuwil imħallat li jinkludi fjuwils kemm solidi kif ukoll likwidi, pereżempju bħas-sospensjoni tal-boron, b'densità ta' enerġija bbażata fuq il-massa ta' 40×10^6 J/kg jew iktar; b. Karburanti oħra u addittivi ta' karburanti b'densità ta' enerġija għolja (pereż., kuban, soluzzjonijiet joniċi, JP-10) li għandhom densità ta' enerġija bbażata fuq il-volum ta' $37,5 \times 10^9$ J/m^3 jew iktar, f'temperatura ta' 20 °C u pressjoni ta' atmosfera waħda (101 325 kPa); Nota: *1C111.a.5.b ma jikkontrollax fjuwils fossili raffinati u bijofjuwils prodotti minn ħxejjex, inkluż fjuwils għal magni ċċertifikati biex jintużaw fl-avjazzjoni ċivili, sakemm mhux ifformulati għal "missili" jew inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ speċifikati f'9A012 jew 9A112.a.* Nota Teknika: *F'1C111.a.5. 'missila' 'tfisser sistemi ta' rokits kompluti u sistemi ta' vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ li kapaċi jilħqu medda ta' aktar minn 300 km.*	M4C2f	Materjali b'densità ta' enerġija għolja, li jistgħu jintużaw fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A., kif ġej: 1. Karburanti mħallta li jinkludu karburanti kemm solidi kif ukoll likwidi, pereżempju suspensjoni tal-boron, b'densità ta' enerġija bbażata fuq il-massa ta' 40×10^6 J/kg jew aktar; 2. Fjuwils oħra b'densità ta' enerġija għolja u addittivi ta' fjuwils (pereż., kuban, soluzzjonijiet joniċi, JP-10) li għandhom densità ta' enerġija bbażata fuq il-volum ta' $37,5 \times 10^9$ J/m^3 jew iktar, f'temperatura ta' 20°C u bi pressjoni atmosferika waħda (101,325 kPa); Nota: *Punt 4.C.2.f.2. ma jikkontrollax karburanti fossili raffinati u bijokarburanti prodotti minn ħxejjex, inkluż karburanti għal magni ċċertifikati biex jintużaw fl-avjazzjoni ċivili, sakemm ma jkunux ifformulati speċifikament għal sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.*
6. Fjuwils li jissostitwixxu l-idrażin kif ġej: a. 2-Dimetilamminoetilażid (DMAZ) (CAS 86147-04-8).	M4C2g	Fjuwils li jissostitwixxu l-idrażin kif ġej: 1. 2-Dimetilamminoetilażid (DMAZ) (CAS 86147-04-8).

b. Sustanzi polimeriċi: 1. Polibutadjen bit-terminali tal-karbossi (inkluż il-polibutadjen bit-terminali tal-karbossil) (CTPB); 2. Polibutadjen bit-terminali tal-idrossi (inkluż il-polibutadjen bit-terminali tal-idrossil) (HTPB), minbarra dak speċifikat fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari; 3. Polibutadjen-aċidu akriliku (PBAA); 4. Polibutadjen-aċidu akriliku-akrilonitril (PBAN); 5. Politetraidrofuran polietilen glikol (TPEG); *Nota Teknika:* *Politetraidrofuran polietilen glikol (TPEG) huwa kopolimeru blokk ta' poli 1,4-Butanedjol (CAS 110-63-4) u polietilen glikol (PEG) (CAS 25322-68-3).* 6. Nitrat tal-poligliċidil (PGN jew poly-GLYN) (CAS 27814-48-8).	M4C5	Sustanzi polimeriċi, kif ġej: a. Polibutadjen b'radikali karbossiċi terminali (inkluż il-polibutadjen b'radikali karbossiliċi terminali) (CTPB); b. Polibutadjen b'radikali ossidriċi terminali (inkluż il-polibutadjen b'radikali ossidriliċi terminali) (HTPB); c. Polimeru ażid gliċidil (GAP); d. Polibutadjen — Aċidu Akriliku (PBAA); e. Polibutadjen — Aċidu Akriliku — Akrilonitril (PBAN) (CAS 25265-19-4 / CAS 68891-50-9); f. Politetraidrofuran polietilen glikol (TPEG); Nota Teknika: Politetraidrofuran polietilen glikol (TPEG) huwa kopolimeru blokk ta' poli 1,4-Butanedjol (CAS 110-63-4) u polietilen glikol (PEG) (CAS 25322-68-3). g. Nitrat tal-poligliċidil (PGN jew poly-GLYN) (CAS 27814-48-8).
c. Addittivi u aġenti oħrajn tal-propellant:		
1. **ARA L-KONTROLLI TAL-MERKANZIJA MILITARI FIR-RIGWARD TA'** **Karborani, dekarborani, pentaborani u derivattivi tagħhom;**	M4C6c1	Karborani, dekarborani, pentaborani u derivattivi tagħhom;
2. Dinitrat tat-trietilen-glikol (TEGDN) (CAS 111-22-8);	M4C6d1	Dinitrat tat-trietilen-glikol (TEGDN) (CAS 111-22-8);
3. 2-Nitrodifenilamin (CAS 119-75-5);	M4C6e1	2-Nitrodifenilamin (CAS 119-75-5);
4. Trinitrat tat-trimetiloletan (TMETN) (CAS 3032-55-1);	M4C6d2	Trinitrat tat-trimetiloletan (TMETN) (CAS 3032-55-1);
5. Dinitrat tad-dietilen glikol (DEGDN) (CAS 693-21-0);	M4C6d4	Dinitrat tad-dietilen glikol (DEGDN) (CAS 693-21-0);
6. Derivattivi tal-ferroċen kif ġej: a. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-katoċen; b. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tal-etil; c. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tal-propil; d. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen n-butil; e. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tal-pentil;	M4C6c2	Derivattivi tal-ferroċen, kif ġej: a. Katoċen (CAS 37206-42-1); b. Etil ferroċen (CAS 1273-89-8); c. Propil ferroċen; d. n-Butil ferroċen (CAS 31904-29-7); e. Pentil-ferroċen (CAS 1274-00-6);

	f. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-diċiklopentil; g. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-diċikloessil; h. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-dietil; i. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-dipropil; j. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-dibutil; k. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tad-diessil; l. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-ferroċen tal-aċetil / 1,1′-ferroċen tad-diaċetil; m. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-aċidi karbossiliċi tal-ferroċen; n. Ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari għall-butaċen; o. Derivattivi oħrajn tal-ferroċen li jistgħu jintużaw bħala modifikaturi tar-rata ta' ħruq tal-propellant tar-rokits, minbarra dawk speċifikati fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari. *Nota: 1C111.c.6.o. ma jkoprix il-kontrolli fuq derivattivi tal-ferroċen li fihom grupp funzjonali aromatiku ta′ sitt atomi ta′ karbonju marbut mal-molekula tal-ferroċen.*		f. Diċiklopentil-ferroċen (CAS 125861-17-8); g. Diċikloessil ferroċen; h. Dietil ferroċen (CAS 1273-97-8); i. Dipropil ferroċen; j. Dibutil ferroċen (CAS 1274-08-4); k. Diessil ferroċen (CAS 93894-59-8); l. Aċetil ferroċen (CAS 1271-55-2) / 1,1′- diaċetil ferroċen (CAS 1273-94-5); m. Aċidu karbossiliku tal-ferroċen (CAS 1271-42-7) / 1,1′- acidu dikarbossiliku tal-ferroċen (CAS 1293-87-4); n. Butaċen (CAS 125856-62-4); o. Derivattivi oħrajn tal-ferroċen li jistgħu jintużaw bħala modifikaturi tar-rata tal-ħruq tal-propellant rokit; *Nota: Punt 4.C.6.c.2.o. ma jikkontrollax derivattivi tal-ferroċen li fihom grupp funzjonali aromatiku ta′ sitt atomi ta′ karbonju marbut mal-molekula tal-ferroċen.*
	7. 4,5 diażidometil-2-metil-1,2,3-triażol (iso-DAMTR), minbarra dak speċifikat fil-Kontrolli tal-Merkanzija Militari. *Nota: Għall-propellanti u s-sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti mhux speċifikati f'1C111, ara l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari.*	M4C6d5	4,5 diażidometil-2-metil-1,2,3-triażol (iso- DAMTR);
1C116	Azzar maraging, li jista' jintuża f"missili", li għandu dan kollu li ġej: *N.B.: ARA WKOLL 1C216.*	M6C8	Azzar maraging, li jista' jintuża fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1., li għandu dawn kollha li ġejjin: a. Għandu limitu ta' reżistenza għat-tensjoni, imkejjel f'20 °C, daqs jew akbar minn: 1. 0,9 GPa fl-istadju ta' soluzzjoni ttemprata; jew 2. 1,5 GPa fl-istadju ta' twebbis bi preċipitazzjoni; kif ukoll b. Kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin: 1. Folji, pjanċi jew tubi bi ħxuna tal-ġnub jew tal-pjanċa daqs jew inqas minn 5,0 mm; jew

			2. Forom tubulari bi ħxuna tal-ħajt ta' 50 mm jew anqas u b'dijametru intern ta' 270 mm jew aktar. Nota Teknika: *Azzar maraging huwa liga tal-ħadid:* *a. Ġeneralment ikkaratterizzat minn kontenut għoli ta' nikil, kontenut baxx ħafna ta' karbonju u l-użu ta' elementi ta' sostituzjoni jew preċipitati sabiex jipproduċu t-tisħiħ u t-twebbis biż-żmien tal-liga; kif ukoll* *b. Suġġett għal ċikli ta' trattament sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' trasformazzjoni martensitiku (stadju ta' soluzzjoni ttemprata) u sussegwentement imwebbes biż-żmien (stadju ta' twebbis bi preċipitazzjoni).*
1C117	Materjali għall-produzzjoni ta' komponenti ta' "missili" kif ġej: a. Tungstenu u ligi f'forma ta' partikoli b'kontenut ta' tungstenu ta' 97 % jew iktar skont il-piż, u bid-daqs tal-partikoli jkun ta' 50×10^{-6} m (50 μm) jew inqas; b. Molibdenu u ligi f'forma ta' partikoli b'kontenut ta' molibdenu ta' 97 % jew iktar skont il-piż u bid-daqs tal-partikoli jkun ta' 50×10^{-6} m (50 μm) jew inqas; c. Materjali tat-tungstenu f'forma solida li għandhom dan kollu li ġej: 1. Kwalunkwe waħda mill-kompożizzjonijiet materjali li ġejjin: a. Tungstenu jew ligi li fihom 97 % f'piż jew aktar ta' tungstenu; b. Ramm infiltrat bit-tungstenu li fih piż ta' 80 % jew iktar ta' tungstenu; jew c. Tungstenu infiltrat bil-fidda li fih piż ta' 80 % jew iktar ta' tungstenu; kif ukoll 2. Jistgħu jitwaħħlu permezz ta' magna ma' kwalunkwe wieħed mill-prodotti li ġejjin: a. Ċilindri b'dijametru ta' 120 mm jew iktar u tul ta' 50 mm jew iktar; b. Tubi b'dijametru intern ta' 65 mm jew akbar u ħxuna tal-ħajt ta' 25 mm jew aktar u tul ta' 50 mm jew akbar; jew c. Blokok b'daqs ta' 120 mm b'120 mm b'50 mm jew iktar. Nota Teknika: *F'1C117 "missila" tfisser sistemi ta' rokits kompluti u sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ li kapaċi jkopru medda ta' aktar minn 300 km.*	M6C7	Materjali għall-fabbrikazzjoni ta' komponenti ta' missili fis-sistemi speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2, kif ġej:. a. Tungstenu u ligi f'forma ta' partikoli b'kontenut ta' tungstenu ta' 97 % jew iktar skont il-piż, u bid-daqs tal-partikoli jkun ta' 50×10^{-6} m (50 μm) jew inqas; b. Molibdenu u ligi f'forma ta' partikoli b'kontenut ta' molibdenu ta' 97 % jew iktar skont il-piż, u bid-daqs tal-partikoli jkun ta' 50×10^{-6} m (50 μm) jew inqas; c. Materjali tat-tungstenu f'forma solida li għandhom dan kollu li ġej: 1. Kwalunkwe waħda mill-kompożizzjonijiet materjali li ġejjin: i. Tungstenu u ligi li fihom 97 % skont il-piż jew aktar ta' tungstenu; ii. Ramm infiltrat bit-tungstenu li fih piż ta' 80 % jew iktar ta' tungstenu; jew iii. Tungstenu infiltrat bil-fidda li fih 80 % f'piż jew aktar ta' tungstenu. kif ukoll 2. Jistgħu jitwaħħlu permezz ta' magna ma' kwalunkwe wieħed mill-prodotti li ġejjin: i. Ċilindri li għandhom dijametru ta' 120 mm jew akbar u tul ta' 50 mm jew akbar; ii. Tubi b'dijametru intern ta' 65 mm jew akbar u ħxuna tal-ħajt ta' 25 mm jew aktar u tul ta' 50 mm jew akbar; jew iii. Blokok li għandhom daqs ta' 120 mm × 120 mm × 50 mm jew aktar;

▼M30

1C118	Azzar inossidabbli dupleks stabilizzat bit-titanju (Ti-DSS) li għandu dan kollu li ġej: a. Li għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Li fih piż ta' 17,0 - 23,0 fil-mija ta' kromju u piż ta' 4,5 - 7,0 fil-mija ta' nikil; 2. Li għandu kontenut ta' titanju ta' aktar minn 0,10 fil-mija skont il-piż; kif ukoll 3. Mikrostruttura ferritika-awstenitika (imsejħa wkoll bħala mikrostruttura ta' żewġ fażijiet) li mill-inqas 10 fil-mija tal-volum tagħha huwa awstenitku (skont l-ASTM E-1181-87 jew l-ekwivalenti nazzjonali); kif ukoll b. Li għandu xi waħda mill-forom li ġejjin: 1. Ingotti jew żbarri li għandhom daqs ta' 100 mm jew aktar f'kull dimensjoni; 2. Folji li għandhom wisa' ta' 600 mm jew iktar u ħxuna ta' 3 mm jew inqas; jew 3. Tubi li għandhom dijametru estern ta' 600 mm jew aktar u ħxuna tal-ħajt ta' 3 mm jew anqas.	M6C9	Azzar inossidabbli dupleks stabbilizzat bit-titanju (Ti-DSS) li jista' jintuża fis-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A.1. u li għandu dawn kollha li ġejjin: a. Li għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Li fih piż ta' 17,0 - 23,0 fil-mija ta' kromju u piż ta' 4,5 - 7,0 fil-mija ta' nikil; 2. Li għandu kontenut ta' titanju ta' aktar minn 0,10 fil-mija skont il-piż; kif ukoll 3. Mikrostruttura ferritika-awstenitika (imsejħa wkoll bħala mikrostruttura ta' żewġ fażijiet) li mill-anqas 10 % tagħha hija awstenita skont il-volum (skont l-ASTM E-1181-87 jew ekwivalenti nazzjonali); kif ukoll b. Kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin: 1. Ingotti jew żbarri li għandhom daqs ta' 100 mm jew aktar f'kull dimensjoni; 2. Folji li għandhom wisa' ta' 600 mm jew iktar u ħxuna ta' 3 mm jew inqas; jew 3. Tubi li għandhom dijametru estern ta' 600 mm jew aktar u ħxuna tal-ħajt ta' 3 mm jew anqas.
1C238	Trifluworur tal-kloru (ClF_3).	M4C4a6	Komposti magħmula minn fluworu u wieħed jew aktar minn aloġeni oħra, ossiġenu jew nitroġenu; Nota: Punt 4.C.4.a.6. ma jikkontrollax it-Trifluworur tan-Nitroġenu (NF_3) (CAS 7783-542) fi stat gassuż peress li ma jistax jintuża għal applikazzjonijiet ta' missili.

1D Softwer

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
1D001	"Softwer" mfassal apposta jew immodifikat għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir speċifikat minn1B001 sa 1B003.	M6D1	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-operazzjoni jew il-manutenzjoni tat-tagħmir speċifikat f'6.B.1.
1D101	"Softwer" mfassal apposta jew immodifikat għat-tħaddim jew il-manutenzjoni tal-oġġetti speċifikati f'1B101, 1B102, 1B115, 1B117, 1B118 jew 1B119.	M4D1	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-operazzjoni jew il-manutenzjoni ta' tagħmir speċifikat f'4.B. għall-'produzzjoni' u l-immaniġġjar ta' materjali speċifikati f'4.C.
		M6D1	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-operazzjoni jew il-manutenzjoni tat-tagħmir speċifikat f'6.B.1.

▼M30

1D103	“Softwer” iddisinjat apposta għall-analiżi ta' karatteristiċi osservabbli mnaqqsa bħar-riflettività tar-radar karatteristiċi ultravjola/infra-aħmar u karatteristiċi akustiċi.	M17D1	“Softwer” iddisinjat apposta għat-tnaqqis ta' karatteristiċi osservabbli bħar-riflettibbiltà tar-radar, is-sinjali karatteristiċi tal-ultravjola/infraħmar u s-sinjali karatteristiċi akustiċi (jiġifieri t-teknoloġija stealth), għall-applikazzjonijiet li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. jew 19.A. jew is-subsistemi speċifikati fi 2.A. Nota: 17.D.1. jinkludi ‘software’ iddisinjat apposta għall-analiżi tat-tnaqqis tas-sinjali.

1E Teknoloġija

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta’ Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta’ oġġetti b’użu doppju		Is-Sistema ta’ Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
1E001	“Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta' tagħmir jew materjali speċifikati f'1A001.b., 1A001.c., 1A002 sa 1A005, 1A006.b., 1A007, 1B jew 1C.	M	“Teknoloġija”, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' tagħmir jew ‘software’ speċifikat f'1.A., 1.B., jew 1.D.
1E101	“Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“użu” tal-oġġetti speċifikati f'1A102, 1B001, 1B101, 1B102, minn 1B115 sa 1B119, 1C001, 1C101, 1C107, minn 1C111 sa 1C118, 1D101 jew 1D103.	M	“Teknoloġija”, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' tagħmir jew ‘software’ speċifikat f'1.A., 1.B., jew 1.D.
1E102	“Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“iżvilupp” ta' “softwer” speċifikat f'1D001, 1D101 jew 1D103.	M6E1	“Teknoloġija”, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' tagħmir, materjali jew ‘software’ speċifikati fi 6.A., 6.B., 6.C. or 6.D.
		M17E1	“Teknoloġija”, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' tagħmir, materjali jew ‘software’ speċifikati fi 17.A., 17.B., 17.C. or 17.D. Nota: 17.E.1. jinkludi bażijiet tad-data iddisinjati apposta għall-analiżi tat-tnaqqis tas-sinjali karatteristiċi.
1E103	[M6E2]“Teknoloġija” għar-regolazzjoni tat-temperatura, il-pressjoni jew l-atmosfera f'awtoklavi jew idroklavi, meta jkunu użati għall-“produzzjoni” ta' “kompożiti” jew “kompożiti” ipproċessati parzjalment.	M6E2	“Dejta teknika” (inklużi kundizzjonijiet ta' pproċessar) u proċeduri għar-regolament tat-temperatura, il-pressjoni jew l-atmosfera f'awtoklavi jew idroklavi meta jintużaw għall-produzzjoni ta' komposti jew komposti pproċessati parzjalment, li jistgħu jintużaw għat-tagħmir u l-materjali speċifikati f'6.A. jew 6.C.

▼M30

1E104	"Teknoloġija" relatata mal-"produzzjoni" ta' materjali derivati pirolitikament imsawra fuq forma, mandarin jew sottostrat ieħor minn gassijiet prekursuri li jiddekomponu fil-medda ta' temperaturi minn 1 573 K (1 300 °C) sa 3 173 K (2 900 °C) u pressjoni ta' 130 Pa sa 20 kPa. *Nota: 1E104 jinkludi "teknoloġija" għal komposizzjoni ta' gassijiet prekursuri, veloċità tal-fluss u skedi għal kontroll tal-proċess u l-parametri relatati.*	M6E1	

KATEGORIJA 2 — L-IPPROĊESSAR TA' MATERJALI

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
2A001	Berings antifrizzjoni u sistemi ta' berings, kif ġej, u l-komponenti għalihom: **N.B.: ARA WKOLL 2A101.** *Nota: 2A001 ma jirregolax boċċi b'tolleranza ta' grad 5 jew inqas imsemmija mill-fabbrikant skont ISO 3290.* a. Bolberings u berings bir-rombli solidi, li għandhom it-tolleranzi kollha speċifikati mill-manifattur skont l-ISO 492 Klassi ta' Tolleranza 4 (jew l-ekwivalenti nazzjonali), jew aħjar, u li għandhom kemm ċrieki u elementi li jduru (ISO 5593), magħmulin mill-monel jew mill-berillju; *Nota: 2A001.a. ma jirregolax berings bir-rombli bil-ponta.* b. Mhux użat; c. Sistemi ta' berings manjetiċi attivi li jużaw xi wieħed minn dawn li ġejjin: 1. Materjali b'densitajiet ta' fluss ta' 2,0 T jew aktar u b'reżistenza għall-forza ta' aktar minn 414 MPa; 2. Id-disinji kollha għall-polarizzazzjoni omopolari ta' elettromanjeti 3D għall-attwaturi; jew 3. Sensuri li jagħtu l-pożizzjonament f'temperatura għolja (450 K (177 °C) u ogħla).	M3A7	Kuxxinetti bir-rombli radjali li għandhom it-tolleranzi kollha speċifikati skont l-ISO 492 Klassi ta' Tolleranza 2 (jew ANSI/ABMA Standard 20 Klassi ta' Tolleranza ABEC-9 jew ekwivalenti oħra nazzjonali), jew aħjar u li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a) Dijametru tat-toqba taċ-ċirku intern bejn 12 u 50 mm; b) Dijametru tat-toqba taċ-ċirku estern bejn 25 u 100 mm; kif ukoll c) Wisa' ta' bejn 10 u 20 mm.

▼M30

2A101	Bolberings radjali, minbarra dawk speċifikati f'2A001, li għandhom it-tolleranzi kollha speċifikati skont l-ISO 492 Klassi ta' Tolleranza 2 (jew ANSI/ABMA Standard 20 Klassi ta' Tolleranza ABEC-9 jew ekwivalenti oħra nazzjonali), jew aħjar, u li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin: a. Dijametru tat-toqba taċ-ċirku intern bejn 12 mm u 50 mm; b. Dijametru tat-toqba taċ-ċirku estern bejn 25 mm u 100 mm; kif ukoll c. Wisgħa ta' bejn 10 mm u 20 mm.	M3A7	Kuxxinetti bir-rombli radjali li għandhom it-tolleranzi kollha speċifikati skont l-ISO 492 Klassi ta' Tolleranza 2 (jew ANSI/ABMA Standard 20 Klassi ta' Tolleranza ABEC-9 jew ekwivalenti oħra nazzjonali), jew aħjar u li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a) Dijametru tat-toqba taċ-ċirku intern bejn 12 u 50 mm; b) Dijametru tat-toqba taċ-ċirku estern bejn 25 u 100 mm; kif ukoll c) Wisa' ta' bejn 10 u 20 mm.
2B004	"Preses iżostatiċi" li jaħarqu li għandhom il-komponenti kollha li ġejjin, u l-komponenti u l-aċċessorji mfasslin apposta għalihom: **N.B.: ARA WKOLL 2B104 u 2B204.** a. Ambjent termiku kkontrollat fil-kavità magħluqa, u kavità tal-kamra b'dijametru intern ta' 406 mm jew aktar; kif ukoll b. Li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: 1. Pressjoni massima ta' tħaddim ta' aktar minn 207 MPa; 2. Li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: jew 3. Faċilità għat-tixpip bl-idrokarburi u l-eliminazzjoni ta' prodotti li jirriżultaw mid-degradazzjoni ta' gassijiet. *Nota Teknika:* *Id-daqs intern tal-kamra huwa dak tal-kamra fejn jintlaħqu kemm it-temperatura ta' tħaddim kif ukoll il-pressjoni ta' tħaddim, u ma jinkludix il-muntaġġi. Dik id-dimensjoni tkun daqs id-dijametru intern tal-kompartiment ta' pressjoni jew id-dijametru intern tal-kompartiment tal-fran insulati, skont liema jkun l-iżgħar, li jiddependi fuq liema miż-żewġ kompartimenti jinsab fl-ieħor.* *N.B.: Għal forom imnaqqxin, forom u għodod mfasslin apposta ara 1B003, 9B009 u l-Kontrolli tal-Merkanzija Militari.*	M6B3	Pressi iżostatiċi li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a) Pressjoni massima ta' tħaddim ta' 69 MPa jew akbar; b) Mfasslin sabiex jiksbu u jżommu ambjent termiku kkontrollat ta' 600 °C jew aktar; kif ukoll c) Li għandhom kavità tal-kamra b'dijametru intern ta' 254 mm jew aktar.
2B009	Magni tat-tornitura bit-tidwir u magni tat-tornitura bi fluss, li skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'unitajiet ta' "kontroll numeriku" jew b'kontroll minn kompjuter u li għandhom dawn kollha li ġejjin: **N.B.: ARA WKOLL 2B109 U 2B209.**	M3B3	Magni flow-forming, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, li: a) Jistgħu jkunu mgħammra skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifatturi b'unitajiet b'kontroll numeriku jew b'kontroll minn kompjuter, anke meta ma jkunux mgħammra b'tali unitajiet meta jiġu konsenjati; kif ukoll

▼M30

	a. Tliet assi jew aktar li jistgħu jiġu kkoordinati simultanjament għall-"kontroll tal-kontorn"; kif ukoll b. Forza tar-romblu ta' aktar minn 60 kN. *Nota Teknika:* *Għall-finijiet ta' 2B009, magni li jgħaqqdu l-funzjoni ta' tornitura bit-tidwir u ta' tornitura bi fluss huma meqjusa bħala magni tat-tornitura bi fluss.*		b) Għandhom aktar minn żewġ assi li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn. *Nota: Dan il-punt ma jinkludix magni li ma jistgħux jintużaw fil-'produzzjoni' ta' komponenti u tagħmir ta' propulsjoni (eż. kontenituri ta' muturi) għas-sistemi speċifikati f'1.A.* *Nota Teknika:* *Għall-fini ta' dan il-punt, magni li jgħaqqdu l-funzjoni ta' spin-forming u flow-forming huma meqjusa bħala magni flow-forming.*
2B104	"Preses iżostatiċi", minbarra dawk speċifikati fi 2B004, li għandhom dan kollu li ġej: **N.B.: ARA WKOLL 2B204.** a. Pressjoni massima ta' tħaddim ta' 69 MPa jew aktar; b. Mfasslin sabiex jiksbu u jżommu ambjent termiku kkontrollat ta' 873 K (600 °C) jew aktar; kif ukoll c. Li għandhom kavità tal-kamra b'dijametru intern ta' 254 mm jew aktar.	M6B3	Pressi iżostatiċi li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a) Pressjoni massima ta' tħaddim ta' 69 MPa jew akbar; b) Mfasslin sabiex jiksbu u jżommu ambjent termiku kkontrollat ta' 600 °C jew aktar; u c) Li għandhom kavità tal-kamra b'dijametru intern ta' 254 mm jew aktar.
2B105	Fran għad-depożizzjoni kimika f'faži ta' fwar (CVD), minbarra dawk speċifikati fi 2B005.a., mfasslin jew immodifikati għad-densifikazzjoni ta' kompożiti ta' karbonju-karbonju.	M6B4	Fran għad-depożitar kimiku f'faži ta' fwar iddisinjati jew modifikati għad-densifikazzjoni ta' komposti ta' karbonju-karbonju.
2B109	Magni ta' tornitura bi fluss, minbarra dawk speċifikati fi 2B009, u l-komponenti mfasslin apposta kif ġej: N.B.: ARA WKOLL 2B209. a. Magni ta' tornitura bi fluss, li għandhom dan kollu li ġej: 1. Jistgħu jkunu mgħammra skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur, b'unitajiet b'"kontroll numeriku" jew b'kontroll minn kompjuter, ukoll meta ma jkunux mgħammra b'tali unitajiet; kif ukoll 2. B'aktar minn żewġ assi li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-"kontroll tal-kontorn". b. Komponenti mfasslin apposta għall-magni tat-tornitura bi fluss, speċifikati minn 2B009 sa 2B109.a.	M3B3	Magni flow-forming, u komponenti ddisinjati apposta għalihom, li: a) Jistgħu jkunu mgħammra skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifatturi b'unitajiet b'kontroll numeriku jew b'kontroll minn kompjuter, anke meta ma jkunux mgħammra b'tali unitajiet meta jiġu konsenjati; kif ukoll b) Għandhom aktar minn żewġ assi li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn. *Nota: Dan il-punt ma jinkludix magni li ma jistgħux jintużaw fil-'produzzjoni' ta' komponenti u tagħmir ta' propulsjoni (eż. kontenituri ta' muturi) għas-sistemi speċifikati f'1.A.*

	Nota: 2B109 ma jirregolax magni li ma jistawx jintużaw fil-produzzjoni ta' komponenti u tagħmir ta' propulsjoni (eż. kontenituri ta' muturi) għas-sistemi msemmija f'9A005, 9A007.a. jew 9A105.a. *Nota Teknika:* *Magni li jgħaqqdu l-funzjoni tat-tornitura bit-tidwir u t-tornitura bi fluss huma meqjusin bħala magni tat-tornitura bi fluss għall-iskop ta' 2B109.*		*Nota Teknika:* *Għall-fini ta' dan il-punt, magni li jgħaqqdu l-funzjoni ta' spin-forming u flow-forming huma meqjusa bħala magni flow-forming.*
2B116	Sistemi għat-test tal-vibrazzjoni, tagħmir u komponenti għalihom, kif ġej: a. Sistemi għat-test tal-vibrazzjoni li jużaw metodi ta' feedback jew ta' ċirkwit magħluq u li jinkorporaw kontrollur diġitali, li kapaċi jivvibraw sistema b'aċċellerazzjoni daqs jew akbar minn 10 g rms bejn 20 Hz u 2 kHz filwaqt li jagħtu forza daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b'‘mejda vojta’; b. Kontrolluri diġitali, flimkien ma' software tal-ittestjar tal-vibrazzjoni mfassal apposta, b'‘wisa’ tal-banda ta' kontroll f'ħin reali' ta' aktar minn 5 kHz mfasslin għall-użu mas-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati fi 2B116.a.; *Nota Teknika:* *F'2B116.b., ‘wisa’ tal-banda ta' kontroll f'ħin reali' tfisser ir-rata massima li fiha kontrollur jista' jesegwixxi ċikli kompluti ta' teħid ta' kampjuni, ipproċessar ta' dejta u trasmissjoni ta' sinjali ta' kontroll.* c. Magni li jagħtu mbuttatura b'vibrazzjoni (unitajiet ta' vibrazzjoni), b'amplifikaturi assoċjati jew mingħajr, li kapaċi jagħtu forza ta' 50 kN jew aktar, imkejla b'‘mejda vojta’, u li jistgħu jintużaw fis-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati fi 2B116.a.; d. Strutturi li jsostnu l-parti għall-ittestjar u l-unitajiet elettroniċi mfasslin sabiex jikkombinaw unitajiet ta' vibrazzjoni multipli f'sistema li hi kapaċi tipprovdi forza effettiva kkombinata daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b'‘mejda vojta’, u li jistgħu jintużaw fis-sistemi ta' vibrazzjoni speċifikati fi 2B116.a.	M15B1	Tagħmir tal-ittestjar tal-vibrazzjoni, li jista' jintuża għas-sistemi speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2. jew is-subsistemi speċifikati f'2.A. jew 20.A., u l-komponenti għalihom, kif ġej: a) Sistemi għat-test tal-vibrazzjoni li jużaw metodi ta' feedback jew ta' ċirkwit magħluq u li jinkorporaw kontrollur diġitali, li kapaċi jivvibraw sistema b'aċċellerazzjoni daqs jew akbar minn 10 g rms bejn 20 Hz u 2 kHz filwaqt li jagħtu forza daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b'‘mejda vojta’; b) Kontrolluri diġitali, flimkien ma' “softwer” tal-ittestjar tal-vibrazzjoni ddisinjat apposta, b'‘faxxa tal-frekwenza ta' kontroll f'ħin reali’ ta' aktar minn 5 kHz u ddisinjati għall-użu mas-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati fi 15.B.1.a.; *Nota Teknika:* *“Faxxa tal-frekwenza ta' kontroll f'ħin reali” hija ddefinita bħala r-rata massima fejn kontrollur jista' juża ċikli ta' kampjuni, ipproċessar ta' data u trasmissjoni ta' sinjali ta' kontroll.* c) Magni li jagħtu mbuttatura b'vibrazzjoni (unitajiet ta' vibrazzjoni), b'amplifikaturi assoċjati jew mingħajrhom, li kapaċi jagħtu forza ta' 50 kN jew aktar, imkejla b' ‘mejda vojta’, u li jistgħu jintużaw fis-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati fi 15.B.1.a.; d) Strutturi li jsostnu l-parti għall-ittestjar u unitajiet elettroniċi ddisinjati sabiex jgħaqqdu unitajiet ta' vibrazzjoni multipli f'sistema kompleta ta' vibrazzjoni li hi kapaċi tipprovdi forza effettiva kombinata daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b' ‘mejda vojta’, u li jistgħu jintużaw fis-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati fi 15.B.1.a.

▼M30

	Nota Teknika: *Fi 2B116, 'mejda vojta' tfisser mejda ċatta, jew wiċċ ċatt, mingħajr muntaġġi jew fittings.*		*Nota Teknika:* *Is-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni li jinkorporaw kontrollur diġitali huma dawk is-sistemi, li l-funzjonijiet tagħhom huma, parzjalment jew kompletament, awtomatikament ikkontrollati minn sinjali elettriċi maħżuna u diġitalment kodifikati.*
2B117	Kontrolli ta' tagħmir u ta' proċessi, minbarra dawk speċifikati fi 2B004, 2B005.a., 2B104 jew 2B105, mfasslin jew immodifikati għad-densifikazzjoni u l-piroliżi taż-żennuni ta' rokits kompożiti strutturali u tal-ponot ta' quddiem ta' vetturi għad-dħul fl-atmosfera.	M6B5	Kontrolli ta' tagħmir u ta' proċessi, minbarra dawk speċifikati f'6.B.3. jew 6.B.4., iddisinjati jew modifikati għad-densifikazzjoni u l-piroliżi taż-żennuni ta' rokits komposti strutturali u tal-ponot ta' quddiem ta' vetturi ta' dħul mill-ġdid.
2B119	Magni tal-ibbilanċjar u t-tagħmir relatat, kif ġej: **N.B.: ARA WKOLL 2B219.** a. Magni tal-ibbilanċjar li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Ma jifilħux jibbilanċjaw skrejjen/assemblaġġi li għandhom massa akbar minn 3 kg; 2. Kapaċi jibbilanċjaw rotors/assemblaġġi f'veloċità akbar minn 12 500 rpm; 3. Kapaċi jikkoreġu żbilanċ f'żewġ pjani jew aktar; kif ukoll 4. Kapaċi jibbilanċjaw sa żbilanċ speċifiku residwu ta' 0,2 g mm għal kull kg ta' massa tar-rotor; *Nota: 2B119.a. ma jirregolax magni tal-bilanċ imfassla jew modifikati għall-apparat dentali jew apparat mediku ieħor.*	M9B2a	It-tagħmir kif ġej: 1. Magni tal-ibbilanċjar li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Ma jifilħux jibbilanċjaw skrejjen/assemblaġġi li għandhom massa akbar minn 3 kg; 2. Kapaċi jibbilanċjaw rotors/assemblaġġi f'veloċità akbar minn 12 500 rpm; 3. Kapaċi jikkoreġu żbilanċ f'żewġ pjani jew aktar; kif ukoll 4. Kapaċi jibbilanċjaw sa żbilanċ speċifiku residwu ta' 0,2 g mm għal kull kg ta' massa tar-rotor;
	b. Indikaturi mfasslin jew immodifikati għall-użu mal-magni speċifikati fi 2B119.a. *Nota Teknika:* *Irjus indikaturi huma kultant magħrufa bħala strumentazzjoni tal-ibbilanċjar.*	M9B2b	Irjus indikaturi (xi kultant magħrufa bħala strumentazzjoni tal-ibbilanċjar) iddisinjati jew modifikati għall-użu mal-magni speċifikati f'9.B.2.a.;
2B120	Is-simulaturi tal-moviment jew l-imwejjed ta' veloċità li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Żewġ assi jew aktar; b. Mfasslin jew immodifikati biex jinkorporaw ċrieki tal-kuntatt jew tagħmir integrat mhux tal-kuntatt li kapaċi jittrasferixxu qawwa elettrika, informazzjoni tas-sinjali, jew it-tnejn; kif ukoll	M9B2c	Simulaturi tal-moviment/imwejjed rotatorji (tagħmir kapaċi jisimula l-moviment) li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Żewġ assi jew aktar;

	c. Għandhom kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Għal kull assi uniku li għandu dan kollu li ġej: a. Kapaċi jilħaq rati ta' 400 grad/s jew aktar, jew 30 grad/s jew anqas; kif ukoll b. Riżoluzzjoni ta' rata ta' 6 gradi/s jew anqas u preċiżjoni ta' 0,6 gradi/s jew anqas; 2. Li għandu stabbilità ta' veloċità fl-agħar sitwazzjoni daqs jew aħjar (inqas) minn bejn wieħed u ieħor 0,05 %, ikkalkolati bħala medja fuq 10 gradi jew aktar; jew 3. "Preċiżjoni" tal-pożizzjonament daqs jew anqas (aħjar) minn 5 sekondi ta' ark. *Nota 1: 2B120 ma jirregolax twavel b'moviment rotatorju imfassla jew modifikati għal għodod tal-magni jew apparat mediku. Għal kontrolli fuq imwejjed rotatorji għall-għodda makkinarja ara 2B008.* *Nota 2: Simulaturi tal-moviment jew imwejjed rotatorji speċifikati f'2B120 jibqgħu kkontrollati sew jekk fil-ħin tal-esportazzjoni dawn ikunu mgħammra bi ċrieki tal-kuntatt jew tagħmir integrat mhux tal-kuntatt, u sew jekk le.*		2. Iddisinjati jew modifikati biex jinkorporaw ċrieki tal-kuntatt jew apparat integrat mhux tal-kuntatt li huma kapaċi jittrasferixxu qawwa elettrika, informazzjoni tas-sinjali, jew it-tnejn; kif ukoll 3. Għandhom kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: a. Għal kull assi uniku li għandu dan kollu li ġej: 1. Kapaċi jilħaq rati ta' 400 grad/s jew aktar, jew 30 grad/s jew anqas; kif ukoll 2. Riżoluzzjoni ta' rata ta' 6 gradi/s jew anqas u preċiżjoni ta' 0,6 gradi/s jew anqas; b. Li għandu stabbilità ta' veloċità fl-agħar sitwazzjoni daqs jew aħjar (inqas) minn bejn wieħed u ieħor 0,05 %, ikkalkolati bħala medja fuq 10 gradi jew aktar; jew c. "Preċiżjoni" tal-pożizzjonament daqs jew anqas (aħjar) minn 5 sekondi ta' ark.
2B121	Imwejjed tal-ippożizzjonar (tagħmir kapaċi jagħmel pożizzjonament rotatorju preċiż fi kwalunkwe ass) ħlief: dawk speċifikati fi 2B120, li għandhom il-karatterisitiċi kollha li ġejjin: a. Żewġ assi jew aktar; kif ukoll b. "Preċiżjoni" tal-pożizzjonament daqs jew anqas (aħjar) minn 5 sekondi ta' ark. *Nota: 2B121 ma jirregolax twavel b'moviment rotatorju imfassla jew modifikati għal għodod tal-magni jew apparat mediku. Għal kontrolli fuq imwejjed rotatorji għall-għodda makkinarja ara 2B008.*	M9B2d	Imwejjed tal-ippożizzjonar (tagħmir kapaċi jagħmel pożizzjonament rotatorju preċiż fi kwalunkwe ass) li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Żewġ assi jew aktar; kif ukoll 2. "Preċiżjoni" tal-pożizzjonament daqs jew anqas (aħjar) minn 5 sekondi ta' ark.
2B122	Ċentrifugi kapaċi li jagħtu aċċellerazzjoni 'l fuq minn 100 g u mfasslin jew immodifikati biex jinkorporaw ċrieki tal-kuntatt jew tagħmir integrat mhux tal-kuntatt li kapaċi jittrasferixxu qawwa elettrika, informazzjoni tas-sinjali, jew it-tnejn li huma. *Nota: Ċentrifugi speċifikati fi 2B122 jibqgħu kkontrollati sew jekk fil-ħin tal-esportazzjoni dawn ikunu mgħammra bi ċrieki tal-kuntatt jew tagħmir integrat mhux tal-kuntatt, u sew jekk le*	M9B2e	Ċentrifugi kapaċi jagħtu aċċellerazzjoni 'l fuq minn 100 g u ddisinjati jew modifikati biex jinkorporaw ċrieki tal-kuntatt jew tagħmir integrat mhux tal-kuntatt li huma kapaċi jittrasferixxu qawwa elettrika, informazzjoni tas-sinjali, jew it-tnejn.

▼M30

2D Softwer

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
2D001	"Softwer" minbarra dak speċifikat fi 2D002, kif ġej: a. "Softwer" imfassal apposta jew immodifikat għall-"iżvilupp" jew il-"produzzjoni" ta' tagħmir speċifikat fi 2A001 jew 2B001 b. "Softwer" mfassal jew immodifikat apposta għall-"użu" ta' tagħmir speċifikat fi 2A001.c, 2B001 jew minn 2B003 sa 2B009. Nota: *2D001 ma jikkontrollax "softwer" ta' ipprogrammar parzjali li jiġġenera kodiċijiet ta' "kontroll numeriku biex jinħadmu bil-magni diversi partijiet".*	M3D	SOFTWER
2D101	"Softwer" imfassal jew immodifikat għall-"użu" tat-tagħmir speċifikat fi 2B104, 2B105, 2B109, 2B116, 2B117 jew minn 2B119 sa 2B122. **N.B.: ARA WKOLL 9D004.**	M3D1	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-'użu' ta' 'faċilitajiet tal-produzzjoni' u magni flow forming speċifikati fi 3.B.1. jew 3.B.3.
		M6D2	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għat-tagħmir speċifikat f'6.B.3., 6.B.4. jew 6.B.5.
		M15D1	"Softwer" iddisinjat jew modifikat apposta għall-'użu' ta' tagħmir speċifikat fi 15.B. li jista' jintuża għas-sistemi tal-ittestjar speċifikati f'1.A., 19.A.1. jew 19.A.2. jew subsistemi speċifikati fi 2.A. jew 20.A.

2E Teknoloġija

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju		Is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
2E001	"Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"iżvilupp" ta' tagħmir jew "software" speċifikati fi 2A, 2B jew 2D. Nota: *2E001 jinkludi "teknoloġija" għall-integrazzjoni ta' sistemi ta' tteħid ta' kampjuni f'magni ta' kejl ta' koordinati kif speċifikat f'2B006.a.*	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' 'data teknika' jew 'assistenza teknika'.

▼M30

2E002	“Teknoloġija” skond in-Nota Ġenerali tat-Teknoloġija għall-“produzzjoni” ta' appart speċifika f'2A jew 2B.	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' ‘data teknika’ jew ‘assistenza teknika’.
2E101	“Teknoloġija” skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“użu” ta' tagħmir jew “software” speċifikat fi 2B004, 2B009, 2B104, 2B109, 2B116, minn2B119 sa 2B122 jew 2D101.	M	Tfisser informazzjoni speċifika li hija meħtieġa għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta' prodott. L-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' ‘data teknika’ jew ‘assistenza teknika’.

KATEGORIJA 3 — ELETTRONIKA

3A Sistemi, Tagħmir u Komponenti

Is-sistemi, l-apparat u l-komponenti korrispondenti kif identifikti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta’ Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta’ oġġetti b’użu doppju		Is-Sistema ta’ Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (M.TCR): Anness tat-tagħmir, softwer u teknoloġija	
3A001	Komponenti elettroniċi u komponenti ddisinjati apposta għalihom, kif ġej: a. Ċirkwiti integrati bi skop ġenerali, kif ġej: *Nota 1:* *L-istatus ta' kontroll ta' pjastrini (mitmuma jew mhux mitmuma), fejn il-funzjoni ġiet determinata, għandu jiġi evalwat skont il-parametri ta' 3A001.a.* *Nota 2:* *Ċirkwiti integrati jinkludi t-tipi li ġejjin:* — *“Ċirkwiti integrati monolitiċi”;* — *“Ċirkwiti integrati ibridi”;* — *“Ċirkwiti integrati multichip”;* — *“Ċirkwiti integrati tat-tip tal-pellikola”, inklużi ċirkwiti integrati tas-silikon fuq iż-żaffir;* — *“Ċirkwiti integrati ottiċi”;* — *“Ċirkwiti integrati tridimensjonali”.*		

	1. Ċirkwiti integrati ddisinjati jew previsti bħala reżistenti għar-radjazzjoni sabiex jifilħu għal kwalunkwe milli ġej: a. Doża totali ta' 5×10^3 Gy (silikju) jew ogħla; b. Varjazzjoni fir-rata tad-doża ta' 5×10^6 Gy (silikju)/s jew ogħla; jew c. Fluwenza (fluss integrat) ta' newtroni (ekwivalenti 1 MeV) ta' 5×10^{13} n/cm^2 jew ogħla fuq is-silikju, jew l-ekwivalenti tiegħu għal materjali oħrajn; *Nota: 3A001.a.1.c. ma jikkontrollax Semikondutturi Iżolaturi tal-Metall (MIS).*	M18A1	"Mikroċirkwiti" "reżistenti għar-radjazzjoni" li jistgħu jintużaw fil-protezzjoni tas-sistemi rokit jew inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ kontra l-effetti nukleari (p.eż. l-Polz Elettromanjetiku (EMP), raġġi X, effetti kkombinati ta' splużjoni u sħana), u li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A.
		M18A2	"Rilevaturi" ddisinjati jew modifikati apposta biex jipproteġu s-sistemi rokit jew inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ kontra l-effetti nukleari (p.eż. l-Polz Elettromanjetiku (EMP), raġġi X, effetti kkombinati ta' splużjoni u sħana), u li jistgħu jintużaw għas-sistemi speċifikati f'1.A. *Nota Teknika:* *"Rilevatur" huwa definit bħala apparat mekkaniku, elettriku, ottiku jew kimiku li awtomatikament jidentifika u jirrekordja, jew jirreġistra stimulu bħal bidla ambjentali fil-pressjoni jew fit-temperatura, sinjal elettriku jew elettromanjetiku jew radjazzjoni minn materjal radjuattiv. Dan jinkludi apparat li jirrileva b'operazzjoni ta' darba jew bi ħsara.*
